App. A

# Laqgħa ma’ l-Onorevoli Joe Mizzi

## Ministru tat-Trasport u l-Infrastruttura

## 10.04.13

Huwa bi pjaċir kbir li l-Kunsill lokali Tas-Swieqi jilqgħa fostu lil Ministru tat-Trasport u l-Infrastruttura, l-Onorevoli Joe Mizzi.

Fil waqt illi nifirħulek għas suċċess elettorali miksub, nawgurawlek kull suċċess fil-ministeru li ġie fdat lilek.

Huwa ta' pjaċir għalina li naħdmu miegħek, u ngħidulek bla tlaqliq illi għandna ħafna xogħol x'nagħmlu flimkien!

## Daħla

Is Swieqi hija lokalita moderna li żviluppat b'mod qawwi ħafna tul dawn l-aħħar 35 sena. Wieħed jista' jgħid li illum is-Swieqi qiegħda fit-tieni fażi ta' żvilupp, fis-sens li qed jitwaqqgħu d-djar u l-villel u jinbnew blokki kbar ta' appartamenti.

Dan l-iżvilupp kollu għamel ħsara sostanzjali fit-tororq prinċipali tagħna, kif ukoll qed iġib ammont ta' "stress" fuq il-lokalita mil-lat ta' traffiku u esiġenzi oħra.

Ta' min wieħed jinnota illi din il-lokalita ma tgawdi mill-ebda għajnuna diretta ta' l-istat, fis-sens illi ma għanda ebda servizz soċjali bħal per eżempju skejjel tal-gvern, djar tal-gvern, għassa tal-pulizija, djar ta' l-anzjani, etċ. Mhux talli, iżda l-livell ta' qagħad fil-lokalita huwa baxx ħafna.

**Temi prinċipali li għandom bżonn l-attenzjoni u l-assistenza tal Ministeru Tat-Trasport u L-Infrastruttura huma :**

1) Toroq fi stat ħazin ħafna;
2) Toroq li għandhom aċċess imblukkat (dead end);
3) Bankini fi stat ħażin ħafna u mhux aċċessibli;
4) Dħul fil-lokalita u ħrug mil-lokalita;
5) Tibdil fl-immaniġġjar tat-traffiku;
6) Servizz tat-trasport pubbliku;
7) Parking illegali mingħajr infurzar;
8) Skema ta' parkeġġ għar-residenti;
9) Proġett ta' tisbieħ.

## 1) It -toroq prinċipali li jinstabu fi stat ħazin ħafna huma :

- Triq il-Qasam
- Triq il-Keffa
- Triq it-Tiben
- Triq Marbat

Għandna stimi li ġew ippreparati mill-perit tal-kunsill li juru li dawn it-toroq jiswew madwar € M1.2 biex il-wiċċ tagħhom isir mill-ġdid.

**Triq il-Qasam**

Ix-xogħlijiet fi Triq il-Qasam għandhom jibdew fi żmien qasir, u dawn se jiswew € 370,000. Dawn se jiġu mħalsa minn flus tal-Kunsill €220,000 u € 150,000 minn flus imweghda mill-gvern preċedenti.

## Triq il-Keffa, Triq it-Tiben u Triq Marbat,

Dawn it-tlett toroq jistgħu jitqiesu bħala toroq prinċipali u jinstabu fi stat ħażin ħafna. Huwa stmat li dawn it-toroq jiswew madwar € 850,000 biex isiru mill-ġdid u l-kunsill żgur li ma għandux il-flus biex iħallas għal dawn ix-xogħlijiet. Għalhekk qed nitolbu l-għajnuna tal-gvern ċentrali biex dawn it-toroq jiġu rranġati mill-aktar fis possibbli.

Ta' min wieħed jinnota illi hemm toroq oħra li qegħdin jitkissru u għandhom bżonn ta' manutenzjoni urġenti, bħal per eżempju parti minn Triq il-Ħemel u Triq il-Ġiebja.

## Toroq mhux aċċessibli (dead end)

Hemm numru ta' toroq li għal xi raġuni jew oħra għandhom l-aċċess tagħhom imblukkat, bħal per eżempju, Triq it-Terz, Triq li-Stasija, Triq tal-Franċiż kif ukoll Triq il-Qasam ma' Triq is-Swieqi. Il-fatt li dawn it-toroq mhux aċċessibli izid it-traffiku ġo toroq oħra, u għalhekk tikber il-konfużżjoni tat-traffiku. Hemm bżonn li tinstab is-soluzzjoni biex l-aċċess ta' dawn it-toroq jinfetaħ mill-aktar fis.

## Bankini

Fil-lokalita hemm bankini illi huma fi stat ħazin u perikoluż. Il-parti l-kbira tal-bankini ma humiex aċċessibli għal-persuni b'disabilita'. Il-Kunsill huwa ħerqan biex jitfassal programm ta' tiġdid u tiswija ta' bankini. Iżda għal darba oħra l-flus huma ta' ostakolu!

## Dħul u ħrug mil-lokalita

Kif għidna, sar żvilupp qawwi fil-lokalita, u llum il-popolazzjoni tlaħħaq madwar 9,000 ruħ. Iżda jibqa' l-fatt li d-dħul u l-ħruġ mil-lokalita għadhom dawk ta' 35 sena ilu u dan joħloq inkonvenjent kbir ta' kuljum għar-residenti.

Id-daħliet/ħruġ prinċipali fil-lokalita huma fi Triq is-Swieqi, il-Wied li jgħaqqad is-Swieqi ma' San Ġwann, Triq tal-Mekkek, Triq Ibrag, Triq Madliena u High Ridge.

Uħud minn dawn it-toroq huma dojoq u perikolużi ħafna. Saħansitra kważi kollha ma għandhomx is-servizz ta' bankina! Ta' min jinnota li l-problema tinstab akbar fil-ħruġ milli fid-dħul.

**Triq fIl-Wied li jgħaqqad is-Swieqi ma' San Ġwann**

Din it-triq tintuża ħafna. Hija triq perikoluża għax f'ċerti partijiet hija triq dejqa ħafna u s-serbet. Ftit tax-xhur ilu l-kunsilli ta' San Ġwann u tas-Swieqi għamlu applikazzjoni konġunta lid-Dipartiment tat-Trasport biex din it-triq titwessa.

**Triq is-Swieqi**

Din hija triq prinċipali fis-Swieqi li għandha l-aċċess miż-żewġt itruf limitat u saħansitra perikoluż ħafna. Min-naħa hemm il-pont li huwa dejjaq wisq u li minnu jridu jgħaddu l-karozzi/vannijiet flimkien man-nies bit-tfal u l-'pets'. Din is sitwazzjoni ma tistax tiġi tollerata iżjed u hemm bżonn urġenti għal-soluzzjoni. Il-Kunsill qed jipproponi li jinfetħu zewġ mini f'kull ġemb għal użu tan-nies. Mit-tarf l-ieħor tat-Triq is-Swieqi, id-daħla mill-Wied li jgħaqqad ma' San Ġwann, din il-parti tat-triq hija dejqa ħafna u barra minn hekk hemm bini antik li jinstab fi stat ħazin ħafna u qed joħloq periklu kbir. Għal darba oħra minn hawn iridu jimxu ħafna nies b'sogru kbir. Hemm bżonn ta' attenzjoni immedjata.

## Trqi tal-Mekkek

Din hija l-unika daħla ġol-lokalita min-naħa ta' fuq u tagħmel parti minn San Ġwann. Hija triq dejqa u s-serbet li fiha tinħoloq konfużżjoni kbira ta' kuljum, speċjalment f'ċerti ħinijiet. L-akbar ħaġa li joħloq tħarbit huwa l-fatt illi minn din it- triq jgħaddi makkinarju goff li jimblokka t-traffiku kollu. Ta' min wieħed jinnota illi l-uniku aċċess għal-makkinarju goff fil-lokalita huwa minn Triq Marbat, Triq is-Sirk jew Triq Ibrag, u l-ħruġ għalihom huwa biss minn Triq Ibrag!

## Tibdil fl-immaniġġjar tat-traffiku

Ftit tax-xhur ilu, il-Kunsill, wara konsultazzjoni mad-Dipartiment tat-Trasport, ipprepara rapport dettaljat dwar tibdiliet fl-immaniggjar tat-traffiku fil-lokalita. Wara li saru l-istudji li kien hemm bżonn, id-dipartiment talabna nagħmlu "traffic counts". Ikun apprezzat ħafna, Onorevoli Ministru, jekk tgħinna nevitaw dan il-proċess, kemm minħabba l-ispejjeż involuti kif ukoll minħabba l-fatt illi t-tibdiliet ma humiex ta' natura goffa.

## Trasport Pubbliku

Ir-riforma fit-trasport pubbliku laqtet il-lokalita tas-Swieqi ukoll. Kif inhuma l-affarijiet illum, għandna żewġ rotot. In-numru 33, li tgħaddi kull siegħa u teħdok il-Belt Valletta u n-numru 233, li ukoll tgħaddi kull siegħa u teħdok tas-Sliema u lura. Ir-residenti jixtiequ tibdil fir-rotot minħabba l-fatt illi l-ebda rotta ma twassal sal-Gzira, fejn hemm l-eqreb ċentru tas-saħħa, kif ukoll jixtiequ li s-servizz lejn il-Belt Valletta jkun aktar spiss. Ta' min wieħed jinnota illi s-servizz lejn il-Madliena ġie mwaqqaf, u l-Kunsill huwa ta' l-oppinjoni li mhux sew li parti kbira mil-lokalita tinqata barra mis-servizz tat-trasport pubbliku. Għalhekk hija ix-xewqa tal-Kunsill illi jerġa jigi ntrodott is-servizz tat-transport pubbliku lejn il-Madliena.

## Parking illegali mingħajr infurzar

Fil-lokal tas-Swieqi jkollna diversi karozzi li jkollhom pjanċa barranija u dawn ħafna drabi jipparkjaw kif ġieb u laħaq, bi ksur sfaċċat tal-ligi. Il-Pulizija, kif ukoll il gwardjani lokali ma jieħdux passi kontrijhom għax jgħidu li ma jkollomx indirizz fejn jibgħatulhom nota tal-multa. Dan qed joħloq inkonvenjent kbir, u nitolbu lid-dipartiment jintervjeni biex insibu soluzzjoni għal din il-problema**.**

## Skema ta' parkeġġ għar-residenti

Is-Swieqi tinstab pass il-bogħod minn Paceville u Bay Street, żewġ żoni li jattiraw numru kbir ħafna ta' nies. Għalhekk jiġri li parti kbira mil-lokalita tbagħti ħafna minn influss qawwi ta' karozzi li jkunu sejrin lejn dik id-direzzjoni jew li jkunu qed ifittxu parkeġġ. Dan kollu qed joħloq inkonvenjent kbir lir-residenti. Il-Kunsill huwa ta' l-oppinjoni li jiġi introdott skema ta' parkeġġ għar-residenti, kif ġie introdott f'lokalitajiet oħra. Nitolbu lil Onorevoli Ministru biex jagħtina l-għajnuna kollha meħtieġa biex din l-iskema tiġi introdotta mill-aktar fis possibbli.

## Proġetti ta'tisbieħ

Il-Kunsill jixtieq li jsir proġett ta' tisbieħ fil-lokalita, kemm bi tħawwil ta' siġar u pjanti, kif ukoll billi tiġi introdotta jew mibdula xi "street furniture". Hija x-xewqa tal-Kunsill li l-paviment taz-zuntier tal-Parroċċa jiġi mibdul. Nitolbu lil Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura kull għajnuna possibbli biex dan il-għan ikun jista' jintlaħaq.

## Konklużżjoni

Nirringrazzjaw lil Onorevoli Ministru Joe Mizzi għal fatt li fi żmien tant qasir għażel li jżur lil-Kunsill tagħna. Nawgurawlu ħidma fejjieda, iżda fuq kollox nawguraw illi naħdmu flimkien b'mod attiv u kostruttiv għal ġid tal-lokalita tas-Swieqi. Aħna konvinti li l-Ministru fehem il-bżonnijiet tal-lokalita u li ser jagħmel mill-aħjar biex jgħinna.

Noel Muscat

Sindku

10.04.13